Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 27/2015AE

**Josianne Sammut (Appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (Appellant)**

Il-Gimgha, 10 ta' Gunju 2016.

Id-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali appella mid-decizjoni tal-Arbitru (numru 199/2015) tat-28 ta' Mejju 2015. L-aggravji huma:-

1. Id-decizjoni hi nulla ghaliex m'hemmx motivazzjoni.
2. Mill-provi li nstemghu quddiem l-Arbitru rrizulta li l-appellata kienet iddikjarat li qeghda tghix wahedha. Mir-rapport li sar mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji jirrizulta li l-appellata kienet qeghda tghix mal-partner taghha. Fatt konfermat mill-appellata u l-partner taghha. Inoltre, fil-fond instabu hafna hwejjeg tas-sieheb taghha. Fatt konfermat mis-social worker stess.

L-appellata wiegbet:-

1. L-appell hu null ghaliex gie pprezentat wara t-tletin gurnata kontemplati mil-ligi.
2. F'dan il-kaz hemm cirkostanzi specjali. L-appellata hi persuna bi bzonnijiet specjali u l-kaz taghha ghandu jigi trattat b'sensitivita.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Fit-13 ta' April 2016 l-appellant ipprezenta nota b'dokumenti minn fejn jirrizulta li l-appellant ircieva d-decizjoni tal-Arbitru fil-5 ta' Gunju 2015. It-Tnejn, 6 ta' Lulju 2015 ipprezenta l-appell. Ghalhekk l-appell gie pprezentat fit-terminu ta' 30 jum minn meta rcieva d-decizjoni tal-Arbitru (Artikolu 109(2) tal-Kap. 318). Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-appellata ser tigi michuda.

2. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:-

*"Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fid-9 ta' Dicembru, 2014 ghall-Ghajnuna Socjali, id-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali ddecieda illi d-Direttur mhux sodisfatt li l-appellanti qed tifforma familja ghal rasha.*

*Illi in sostenn tat-tezi tieghu d-Dipartiment ipprezenta bhala prova rapport investigattiv mid-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcji, liema rapport gie konfermat bil-gurament mill-Ispettur Maronia Zerafa.*

*Illi xehedet is-social worker bil-gurament fejn prezentat ittra mmarkata bhala Dok. JS1 u rikors immarkat bhala Dok JS2.*

***Ghaldaqstant, l-Arbitru wara li sema', ra d-dokumentazzjoni u evalwa c-cirkostanzi tal-kaz, huwa tal-fehma illi d-decizjoni tad-Direttur Generali ghandha tigi revokata**.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh."*

M'huwiex bizzejjed li f'decizjoni jinghad li wara li l-Arbtiru ra d-dokumenti u qies ic-cirkostanzi, kien tal-fehma li l-appell kellu jintlaqa'. Dik m'hijiex motivazzjoni[1]. L-Arbitru kellu jghid x'wasslu ghal dik il-konkluzjoni, cjoe' jghid x'kienu r-ragunijiet li wassluh biex ihassar id-decizjoni tal-appellant[2].

Fl-ahharnett il-qorti theggeg lill-appellant sabiex mehud in konsiderazzjoni li l-appellata hi persuna vulnerabbli, jassistiha biex jigi determinat x'ghajnuna socjali tista' tkun intitolata ghaliha.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni li l-appell hu null.**
2. **Tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tat-28 ta' Mejju 2015 u tibghat l-atti lura quddiem l-Arbitru sabiex jiddeciedi skond il-ligi**.

**Spejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa.**

Anthony Ellul.

[1] Ara per ezempju sentenza ta' din il-qorti fl-ismijiet **Mario Attard vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** (Appell 8/2011) tat-30 ta' Novembru 2011 u l-gurisprudenza li tissemma fl-istess sentenza. F'dak il-kaz fid-decizjoni tal-Arbitru kien inghad: *"fid-dawl tax-xhieda u tac-cirkostanzi tal-kaz, ikkonfermati mis-socjeta' kostruttrici jidher li dan l-appell huwa gustifikat u ghalhekk dan l-appell qed jigi milqugh"*. Fis-sentenza l-qorti qalet li dak il-kliem ma kienx jammonta ghal motivazzjoni u ghaldaqstant id-decizjoni kienet nulla.

[2] Id-decizjoni tal-appellant kienet li jitwaqqaf il-beneficcju (ghajnuna medika) li kienet qeghda tircievi l-appellata ghaliex *"mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek."*